MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-30 ta' April, 2008

Numru 613/2007

**Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Vincent Cucciardi ta' 48 sena iben Vincent u Stella nee' Azzopardi mwieled Isla fid-19 ta' Marzu 1959 u residenti 65 Triq iz-Zewg Mini Isla, ID 212559M.**

**Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer matul ix-xahar ta' Lulju 2002 xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jista' jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxiehom, liema serq kien aggravat bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin u bix-xorta tal-haga misruqa.**

**Akkuzat ukoll talli fl-istess zmien u cirkostanzi, sar ricediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 u 289(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Rat l-ammissjoni ta' l-imputat ghal dawn iz-zewg imputazzjonijiet u ghal daqstant dawn gew ppruvati skond il-ligi.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 49, 50, 289, 210(1B) u 334(a) tal-Kap 9 ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontrieh. Dwar il-piena, il-Qorti qed tikkonsidra illi l-imputat kkopera mal-pulizija, ghamel ammissjoni bikrija kif wkoll hemm l-istat prekarju ta' sahhtu. Il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat ghal sitt xhur prigunerija. Qed tirrakomanda lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin biex jara sew ic-certifikat u jiehu l-prekawzjonijiet kollha mehtiega minhabba sahhet l-imputat.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------